Nru. 48

9. 11. 99

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Austin Gatt, M.P., Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, u moqri għall-Ewwel Darba fis-Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 1999.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali.

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Austin Gatt, M.P., Minister for Justice and Local Government, and read the First time at the Sitting of the 1st November, 1999.

AN ACT to amend the Local Councils Act, 1993.

RICHARD J. CAUCHI
Clerk of the House of Representatives

ABBOZZ TA' LIĠI
msejjaħ

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jissejjaħ l-Att ta' l-1999 biex jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, u għandu jinqara u jiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Att XV ta' l-1993.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru jista' b'avviż jistabbilixxi fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu ħekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "Direttur tal-Verifika" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "Assoċjazzjoni" tfisser l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rikonoxxuta bħala tali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 37(3) ta' dan l-Att;

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "Assoċjazzjoni" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali;";

(ċ) minflok it-tifsira ta' "lokalità" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "lokalità" tfisser kull area b'konfini stabbilita kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att; b'dan illi meta xi konfini stabbilita hekk imsemmija tkun tgħaddi minn ġo triq li taqsam żewġ lokalitajiet, iż-żewġ naħat ta' dik it-triq ikunu jiffurmaw parti minn dik il-lokalità kif tiġi indikata permezz ta' vleġeġ;";

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "Ministru" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "mozzjoni" tfisser kull proposta jew rakkomandazzjoni li ssir minn Kunsillier kif provdut f'dan l-Att, sabiex tiġi hekk reġistrata u diskussa;";

(e) minflok it-tifsira ta' "popolazzjoni ta' lokalità" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "popolazzjoni ta' lokalità" tfisser il-popolazzjoni, pubblikata mill-Ministru responsabbli għall-istatistika skond l-artikolu 73 ta' dan l-Att;"; u

(f) minnufih wara t-tifsira ta' "reklam" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "riżoluzzjoni" tfisser mozzjoni li ġiet diskussa u approvata waqt laqgħa ta' Kunsill, u tkun ġiet hekk reġistrata fil-Minuti ta' l-istess laqgħa;".

Emenda ta' diversi artikoli.

3. (1) Minflok il-kliem "segretarju" u "Segretarju" kull fejn dawn jinsabu fl-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem f'kull każ "Segretarju Eżekuttiv".

(2) Minflok il-kliem "Deputat Segretarju" u "Aġent Segretarju" kull fejn dawn jinsabu fl-Att prinċipali, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "Deputat Segretarju Eżekuttiv" u "Aġent Segretarju Eżekuttiv" rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew xort'oħra" għandhom jiżdiedu l-kliem "kemm-il darba ma jiġix awtorizzat jagħmel dan bil-miktub mill-Ministru"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Kull bidla bħal dik għandha ssir fir-Reġistru Elettorali jew fir-Reġistru Speċjali, skond ma jeħtieġ il-każ, u, għall-għanijiet ta' l-artikolu 55 ta' dan l-Att, dik il-bidla għandu jkollha seħħ mill-ewwel jum ta' April tas-sena li tiġi wara dik il-bidla.

(5) Kull lokalità għandha tissejjaħ bl-isem kif mogħti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u kull referenza għal dik il-lokalità għandha tkun bl-isem hekk mogħti.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 4(4) ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "F'lokalitajiet fejn ikunu eletti seba' membri jew iktar, għandu jkun ukoll elett Viċi Sindku", għandhom jidħlu l-kliem "Għandu jkun elett ukoll Viċi Sindku".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

6. Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:–

"(4A) L-eliġibilità u l-kriterji dwar kwalifiki stabbiliti għall-elezzjoni ta' membru ta' Kunsill taħt l-artikoli 11 u 12 ta' dan l-Att għandhom ikunu japplikaw wkoll għal persuna li tiġi nominata għal għażla.

(4B) Meta ssir għażla ta' membru għall-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li isem dak il-Kunsillier jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(4Ċ) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal Kunsillieri magħzula bl-istess mod kif japplikaw għal Kunsillieri eletti.".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "wara l-ħatra tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "wara l-ħatra tagħhom, b'dana li Kunsillieri eletti jew magħżula biex jimlew vakanza każwali għandhom jibqgħu fil-kariga mill-jum meta jiġu hekk eletti jew magħżula,";

(b) fit-test Malti tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "wara l-ħatra" għandhom jidħlu l-kliem "wara l-elezzjoni"; u

(ċ) fit-test Malti tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tal-ħatra tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-elezzjoni tagħhom".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

8. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "li fiha s-Segretarju jkun irċieva l-avviż" għandhom jidħlu l-kliem "li fiha s-Segretarju Eżekuttiv ikun irċieva l-avviż, liema data għandha tiġi minnufih reġistrata mis-Segretarju Eżekuttiv,".

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

9. L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fit-test Ingliż, minflok il-kliem "less than one-third" għandhom jidħlu l-kliem "more than one-third";

(b) fil-proviso tiegħu minflok il-kliem "Iżda meta" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda wkoll meta l-Kunsill ikun irrisolva li" u minflok il-kliem "jista' wkoll jagħtih" għandhom jidħlu l-kliem "għandu wkoll jagħtih:"; u

(ċ) minnufih qabel l-imsemmi proviso għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:–

"Iżda meta Kunsillier kien hekk assenti, u qabel ma jgħarraf lill-Ministru kif imsemmi qabel, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħarraf lis-Sindku b'dak li jkun ġara u s-Sindku għandu malli dan iqiegħed il-kwistjoni fl-aġenda ta' l-ewwel laqgħa tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa jekk l-assenza ta' dak il-Kunsillier kienet dovuta għal raġuni ġustifikabbli.".

Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

10. Fl-artikolu 25(1) ta' l-Att prinċipali il-kliem ", meta jkun il-każ," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

11. Minflok l-artikolu 29(1) u (2) ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Is-Sindku, jew il-Viċi Sindku, ma jibqgħux fil-kariga tagħhom wara vot ta' sfiduċja mgħoddi b'maġġoranza tal-Kunsillieri fil-kariga.

(2) Il-mozzjoni li tkun qiegħda tipproponi vot ta' sfiduċja fis-Sindku jew fil-Viċi Sindku għandha tiġi ffirmata mill-inqas minn terz tal-Kunsillieri fil-kariga, għandha tipproponi lil xi Kunsillier ieħor biex jiġi elett Sindku jew Viċi Sindku, skond il-każ, u għandha tiġi notifikata lill-Kunsillieri kollha bħala mozzjoni għall-vot permezz ta' aġenda.".

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

12. L-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu il-kliem ", meta tkun teżisti l-kariga," għandhom jitħassru; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:–

"(3) Meta għall-iskopijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Viċi Sindku ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet ta' Sindku tkun xi tkun ir-raġuni, għandu jaqdi dik il-funzjoni l-iktar membru anzjan tal-Kunsill li jaċċetta dik ir-responsabbiltà sakemm jiġi elett Sindku.

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-iktar membru anzjan tal-Kunsill li jaċċetta dik ir-responsabbiltà għandu jaqdi l-funzjonijiet ta' Viċi Sindku sakemm jiġi elett Viċi Sindku.".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

13. Fl-artikolu 32(1) ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Is-Sindku jkun uffiċjal *part-time* u l-Kunsill għandu jħallas lis-Sindku" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kunsill għandu jħallas lis-Sindku jew lil dak il-Kunsillier li jkun assuma l-funzjonijiet ta' Sindku meta l-kariga ta' Sindku tkun vakanti".

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

14. L-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:–

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "proprjetà privata;" għandhom jidħlu l-kliem "proprjetà privata:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:–

"Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;"; u

(ii) fil-paragrafu (i) tiegħu, minnufih wara l-kliem "li jagħti pariri lil" għandhom jidħlu l-kliem "u, meta dan ikun japplika, li jkun ikkonsultat minn"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "huma responsabbiltà tal-Gvern u" għandhom jidħlu l-kliem ", ħlief kif provdut skond il-paragrafu (m) jew (n) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu,".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

15. L-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Għall-anqas gimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "Għall-anqas tliet gimgħat";

(b) minflok is-subartikoli (3) sa (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:–

"(3) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jissottometti lid-Direttur kopja tal-*Bye-laws* proposti wara li dawn ikunu gew diskussi u approvati mill-Kunsill.

(4) Jekk fi żmien sitt gimgħat minn meta l-*Bye-laws* proposti jaslu għand id-Direttur, il-Ministru jiddeċiedi li jipproponi xi emendi għalihom, huwa għandu jgħarraf lill-Kunsill bil-miktub dwar dawk l-emendi kollha.

(5) Jekk matul l-imsemmi perjodu ta' sitt gimgħat il-Ministru ma jinfurmax lill-Kunsill, il-Kunsill għandu jassumi li l-Ministru ma jkun qiegħed jipproponi ebda emenda.

(6) Wara li jiddiskuti l-emendi proposti mill-Ministru, jekk ikun hemm, il-Kunsill jista' jew japprova jew ma japprovax il-*Bye-Laws*. Jekk il-Kunsill hekk japprovhom, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat kopja tal-*Bye-laws* kif approvati lill-Ministru."; u

(ċ) fis-subartikolu (7) tiegħu, il-kliem "fi żmien gimgħatejn minn meta jkun irċieva l-*Bye-Law* approvata skond is-subartikolu (6)" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

16. L-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:–

"(3) Il-Kummissarju għall-Ġustizzja għandu, kull meta jkun se jikkunsidra akkużi ta' ksur ta' xi *Bye-Laws*, jippresjedi fit-Tribunal Lokali imwaqqaf skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, li jistgħu jkunu jew l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill li jkun jew kull post ieħor li jiġi hekk stabbilit mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kunsill.";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:–

(i) minnufih wara l-kliem "jew mill-Puliżija Eżekuttiva" għandhom jidħlu l-kliem "jew minn Gwardjan Lokali" u minflok il-kliem "ta' l-imsemmi artikolu." għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-imsemmi artikolu:"; u

(ii) minnufih wara d-dispożizzjoni preżenti għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:–

"Iżda l-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv taħt dan is-subartikolu u taħt is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu delegati lil kull persuna jew persuni oħra hekk kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi b'riżoluzzjoni.";

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tal-lokalità" għandhom jidħlu l-kliem "fejn issir il-kontravvenzjoni"; u

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tal-Kunsill li jkun" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew f'kull post ieħor kif stabbilit taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

17. Fl-artikolu 37(3) ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "minn assoċjazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "li tigi rikonoxxuta bħala tali mill-Gvern".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

18. L-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fit-test Malti tiegħu, minflok il-kliem "Kunsill jista' jagħti b'kuntratt" għandhom jidħlu l-kliem "Kunsill għandu jagħti b'kuntratt";

(b) minflok il-kliem "il-funzjonijiet għal kompetizzjoni." għandhom jidħlu l-kliem "il-funzjonijiet għal kompetizzjoni:"; u

(ċ) minnufih wara d-dispożizzjoni preżenti għandhom jiżdiedu dawn il-provisos li ġejjin:–

"Iżda ebda Kunsillier jew impjegat ma' xi Kunsill, jew xi kumpannija li fiha dak il-Kunsillier jew impjegat ikollu parteċipazzjoni maġġoritarja ta' ishma jew xi interess fil-kontroll tagħha, ma għandu joffri jew jissottometti kwotazzjonijiet għal xi xogħlijiet, oġġetti jew servizzi jew għat-trasferiment ta' xi art li dwarhom tkun inħarget sejħa għal offerti jew kwotazzjonijiet mill-Kunsill li tiegħu huwa jkun tali membru jew impjegat:

Iżda wkoll, bl-approvazzjoni tal-Ministru, Kunsill Lokali jista' jagħmel arrangamenti ma' korp pubbliku, dipartiment tal-Gvern jew Kunsill Lokali ieħor:–

(a) għall-provvista minn parti waħda lill-oħra ta' xi oġġetti;

(b) għall-provdiment minn parti lill-oħra ta' servizzi amministrattivi, professjonali jew tekniċi;

(ċ) għall-użu minn parti waħda ta' vettura, impjant jew apparat li jkun jappartjeni lill-parti l-oħra u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-parti l-ewwel imsemmija tas-servizzi ta' xi persuna impjegata f'dak li għandu x'jaqsam mal-vettura, impjant jew apparat li jkun; u

(d) għall-provdiment jew manutenzjoni minn parti waħda ta' kull xogħol, faċilità, ħtieġa, tagħmir jew ħaga għall-provdiment jew manutenzjoni li għalihom tkun responsabbli l-parti l-oħra,

b'dawk il-pattijiet li jistgħu jiġu pprovduti skond l-arrangamenti u sakemm dawk l-arrangamenti ma jsirux għal aktar minn xahar:

Iżda aktar, jekk il-valur ta' dak il-provdiment jew użu ta' dawk l-oġġetti jew servizzi ma jkunx jeċċedi mitt lira Maltija, f'xahar wieħed jew kull ammont ieħor kif il-Ministru jista' jippreskrivi permezz ta' Ordni, l-approvazzjoni tal-Ministru ma tkunx meħtieġa.".

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

19. L-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem minn "Meta Kunsill" sal-kliem "dan li ġej:–" għandhom jidħlu l-kliem "Meta Kunsill joħrog għall-offerti xi xogħlijiet, oġġetti jew servizzi li jkollhom x'jaqsmu mal-funzjonijiet tiegħu, jew għat-trasferiment ta' xi art, dan għandu jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu billi jippubblika avviż fil-Gazzetta. B'żieda ma' din il-ħtiega, Kunsill jista' wkoll jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu billi jippubblika avviż f'gazzetta. Avviż bħal dak għandu jkun fih dan li ġej:–", u minnufih wara l-paragrafu (f) tiegħu għandu jizdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) fil-każ ta' trasferiment ta' xi art, deskrizzjoni tagħha inklużi s-sit u l-medda tagħha u kull restrizzjoni li tista' ssir dwar l-użu tagħha, kif ukoll kull kondizzjoni li t-trasferiment jista' jkun suġġett għaliha.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem ", jew kull kumitat maħtur biex jiddeċiedi l-offerti" għandhom jitħassru.

20. L-artikoli 41 u 42 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru. Thassir ta' l-artikoli 41 u 42 ta' l-Att prinċipali.

21. L-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:– Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kopja ta' l-agenda" għandhom jidħlu l-kliem "u kull dokument anness, li jkollu x'jaqsam direttament ma' l-agenda,";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "l-agenda hekk mogħtija." għandhom jidħlu l-kliem "l-agenda hekk mogħtija; u"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:–

"(ċ) kopja ta' kull dokument li jappartjeni lill-Kunsill Lokali u kull pubblikazzjoni maħruga minn jew f'isem il-Kunsill.".

22. L-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:– Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "bl-għan biss li jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "bl-għan li jkun jista' jassisti l-Kunsill fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "xolti mis-Sindku" għandhom jidħlu l-kliem "xolti mill-Kunsill".

23. Minnufih wara l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:– Emenda ta' l-artikolu 47A ta' l-Att prinċipali.

"Rħula żgħar elenkati.

47A. (1) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 47 ta' dan l-Att għandhom japplikaw wkoll għal dawk il-bliet, rħula jew irħula żgħar, bħalma hemm imsemmija fis-subartikolu (6)(a) ta' l-artikolu msemmi, u li jinsabu elenkati fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att u li f'dan l-artikolu qegħdin jissejħu "rħula żgħar elenkati".

(2) Rħula żgħar elenkati jkunu dawk l-irħula żgħar li jinsabu elenkati taħt il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att markati bil-konfini, inklużi t-toroq tagħhom, kif murija fl-imsemmija Skeda għar-rigward ta' kull raħal żgħir.

(3) Il-Ministru jista' jżid jew inaqqas mill-irħula żgħar elenkati, skond il-proċeduri stabbiliti fis-subartikoli (4) jew (5) ta' dan l-artikolu.

(4) Kunsill jista' permezz ta' riżoluzzjoni jagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu sew fuq talba tiegħu nnifsu sew wara li l-Kunsill jikkunsidra u japprova petizzjoni biex jistabbilixxi raħal żgħir elenkat fil-lokalità, li tkun iffirmata minn grupp ta' mitt persuna jew iktar li jkollhom jedd li jivvotaw f'dik il-lokalità:

Iżda r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tkun taqbel mal-ħtigiet stabbiliti bl-artikolu 47(6)(a) ta' dan l-Att għar-rigward tal-popolazzjoni.

(5) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tirrevedi l-popolazzjoni ta' rħula żgħar elenkati għar-rigward tal-ħtiġiet stipulati fl-artikolu 47 ta' dan l-Att u jekk dik ir-reviżjoni tkun tindika li l-popolazzjoni ma tkunx għadha fil-limiti tal-ħtigiet hawn aktar qabel imsemmija, il-Kummissjoni għandha minnufih tgħarraf lill-Ministru bil-mod kif provdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu. Dik ir-reviżjoni għandha ssir qabel il-pubblikazzjoni tar-Registru Elettorali minnufih qabel l-elezzjonijiet li jkunu se jsiru fil-lokalità fejn ikun jinsab ir-raħal żgħir elenkat.

(6) Kull Kunsill ta' lokalità li jkollu raħal żgħir elenkat għandu jaħtar kumitat għal kull raħal żgħir, u dak il-kumitat ikun presjedut minn Kunsillier u jkun jikkonsisti f'erba' membri jew aktar li jkollhom il-jedd li jivvotaw u li ismijithom jkunu jidhru taħt dak ir-raħal żgħir fir-Registru Elettorali.

(7) Dawk il-Kunsilli li jkollhom irħula żgħar elenkati għandhom jipprovdu separatament għall-ħtigiet ta' dawk l-irħula żgħar fl-estimi ta' nefqa approvata skond l-artikolu 56 u fil-pjan ta' tliet snin approvat skond l-artikolu 59.

(8) Il-kumitat stabbilit skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu għandu jsejjaħ laqgħa tal-lokalità għar-residenti tar-raħal żgħir elenkat għall-inqas darba fis-sena u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 70 ta' dan l-Att għandhom sal-limitu li jkunu applikabbli jkunu japplikaw wkoll għal dik il-laqgħa, iżda dik il-laqgħa għandha ssir mill-inqas ħmistax-il

jum qabel il-jum meta tkun se ssir il-laqgħa tal-lokalità mill-Kunsill.".

Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali.

24. Fl-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "jista' jaħtar" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jinnomina" u minnufih wara l-kliem "ma jkunx jista' jagixxi." għandhom jidħlu l-kliem "Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-Kunsill fil-ħin u bil-miktub dwar kull ċirkostanza fejn hu ma jkunx jista' jagixxi.".

Emenda ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali.

25. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:–

"(b) jikkompila u jiffirma l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill u tal-kumitat:

Iżda s-Segretarju Eżekuttiv jista' jinnomina, u l-Kunsill jista' japprova, li xi persuna oħra tagixxi minflok is-Segretarju Eżekuttiv għar-rigward ta' xi kumitat maħtur mill-Kunsill;";
u

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "lis-Sindku rapport amministrattiv dettaljat" għandhom jidħlu l-kliem "rapport amministrattiv dettaljat lis-Sindku li mbagħad jissottomettih lill-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu".

Emenda ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

26. L-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "*part-time*" għandhom jidħlu l-kliem "jew *full-time*";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jista' b'regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "jista', b'regolamenti, u wara konsultazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni"; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "għall-approvazzjoni tal-Ministru." għandhom jidħlu l-kliem "għall-approvazzjoni tal-Ministru:"; u

(ii) minnufih wara d-dispożizzjoni li hemm issa għandu jidħol dan il-proviso li ġej:–

"Iżda dik it-tneħħija jew sospensjoni mill-kariga, jew żamma tar-rimunerazzjoni għandhom ikunu biss effettivi minn dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Ministru.".

Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

27. Fit-test Ingliż tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "financial year" għandhom jidħlu l-kliem "calendar year".

Emenda ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali.

28. Fl-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali l-kliem "responsabbli għall-finanzi" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali.

29. L-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minnufih wara l-kliem "xi impriża kummerċjali" għandhom jidħlu l-kliem "kemm-il darba ma jkunx awtorizzat għaldaqstant bil-miktub mill-Ministru" u minnufih wara l-kliem "li tinsab ma' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "kemm-il darba dik id-donazzjoni ma tkunx teċċedi l-ħamsin lira Maltija u ma tkun saret ebda donazzjoni oħra lill-istess organizzazzjoni fit-tnax il-xahar preċedenti"; u

(b) fit-test Malti tiegħu, minnufih wara l-kliem "xi donazzjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "ta' flus".

Emenda ta' l-artikolu 70 ta' l-Att prinċipali.

30. Minflok l-artikolu 70(3) ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:–

"(3) Is-Sindku assistit mis-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li l-aġenda diskussa fil-laqgħa tal-lokalità annwali għandha tinkludi rapport amministrattiv fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena ta' qabel u l-pjan ta' attività għas-sena ta' wara.

(4) Is-Sindku jkun iċ-*ċhairman* ta' dik il-laqgħa u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jżomm il-Minuti tal-proċedimenti tal-laqgħa inkluż kull ilment jew suġġeriment li jsir matul dik il-laqgħa. Il-Minuti ta' dik il-laqgħa għandhom jiġu diskussi mill-Kunsill matul l-ewwel laqgħa tal-Kunsill li tiġi wara l-laqgħa tal-lokalità u l-Kunsill għandu jieħu azzjoni dwar dawk l-ilmenti u suġġerimenti kif iqis li jkun xieraq.".

Emenda ta' l-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali.

31. Fl-artikolu 72(2) ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "sad-Disa' Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "sal-Ħdax-il Skeda".

32. L-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:– Emenda ta' l-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Il-Kunsill għandu jkun vestit bil-proprjetà ta' l-Istemma iżda assoċjazzjonijiet lokali li jkunu bonafidi jistgħu jużaw l-Istemma tal-lokalità tagħhom sakemm dak l-użu ma jkunx wieħed b'għan kummerċjali."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "li tinsab ma' dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem: "li tinsab ma' dan l-Att:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:–

"Iżda Kunsill ta' lokalità bħal dik jista' japplika għand il-Ministru sabiex jingħata approvazzjoni li juża motto. Motto approvat għandu jiġi pubblikat b'avviż fil-Gazzetta.".

33. Minflok il-kliem "L-Ewwel u t-Tieni Skedi" fl-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "L-Ewwel, it-Tieni u l-Ħdax-il Skeda". Emenda ta' l-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali.

34. Minnufih wara l-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:– Żieda ta' l-artikoli ġodda 80 u 81 ma' l-Att prinċipali.

"Ġemellaġġ. 80. Kunsill Lokali jkollu l-jedd jagħmel arranġamenti ta' ġemellaġġ ma' xi belt, raħal jew lokalità oħra f'xi pajjiż ieħor:

Iżda ġemellaġġ ma' xi belt, raħal jew lokalità oħra f'xi pajjiż ieħor ikun jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministru li għandha tingħata wara li l-Assoċjazzjoni tkun tat il-fehma tagħha lill-Ministru fuq dak il-ġemellaġġ propost:

Iżda wkoll, meta jiġi stabbilit il-ġemellaġġ ta' lokalitajiet, għandu jitqies xi jkun l-*istatus* tal-lokalitajiet fil-pajjiż l-ieħor li miegħu jkun qed jiġi propost il-ġemellaġġ, b'dan illi l-belt kapitali jew belt kapitali preċedenti ta' Malta tista' biss tiġi ġemellata ma' belt kapitali jew ma' belt kapitali preċedenti ta' pajjiż ieħor, u belt għandha, kemm jista' jkun, tiġi biss ġemellata ma' belt oħra.

Funzjonijiet tad-Direttur. 81. Id-Direttur għandu -

(a) jiffaċilita l-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Kunsilli Lokali b'rispett shiħ għall-awtonomija mogħtija lill-Kunsilli Lokali b'dan l-Att;

(b) jassisti lill-Ministru fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet lilu assenjati b'dan l-Att u għal dak l-għan joħroġ formuli, proċeduri, linji direttivi, ordnijiet jew dawk l-istrumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa; u

(ċ) iwettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra, li ma jkunux inkompatibbli ma' l-awtonomija mogħtija lill-Kunsilli Lokali b'dan l-Att, hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jordna.".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

35. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata billi fi tmiemha għandha tiżdied l-Istemma l-ġdida li tidher fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali u dispożizzjonijiet transitorji.

36. (1) It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:–

(a) minflok il-lokalitajiet u l-konfini tal-lokalità Nru. 3 Birgu, lokalità Nru. 5 Bormla, lokalità Nru. 6 Qormi, lokalità Nru. 8 Żabbar, lokalità Nru. 10 Żejtun, lokalità Nru. 11 Rabat (Għawdex), lokalità Nru. 12 Attard, lokalità Nru. 13 Balzan, lokalità Nru. 14 Birkirkara, lokalità Nru. 15 Birżebbuġa, lokalità Nru. 17 Fgura, lokalità Nru. 18 Floriana, lokalità Nru. 19 Fontana, lokalità Nru. 20 Gudja, lokalità Nru. 21 Gżira, lokalità Nru. 24 Għargħur, lokalità Nru. 26 Għaxaq, lokalità Nru. 27 Ħamrun, lokalità Nru. 28 Iklin, lokalità Nru. 29 Kalkara, lokalità Nru. 30 Kerċem, lokalità Nru. 32 Lija, lokalità Nru. 34 Marsa, lokalità Nru. 36 Marsaxlokk, lokalità Nru. 39 Mosta, lokalità Nru. 41 Msida, lokalità Nru. 44 Naxxar, lokalità Nru. 45 Paola, lokalità Nru. 47 Pietà, lokalità Nru. 50 Rabat, lokalità Nru. 51 Safi, lokalità Nru. 52 San Ġiljan, lokalità Nru. 53 San Ġwann, lokalità Nru. 57 Santa Luċija, lokalità Nru. 58 Santa Venera, lokalità Nru. 59 Sliema, lokalità Nru. 60 Swieqi, lokalità Nru. 61 Ta' Xbiex, lokalità Nru. 62 Tarxien u minflok il-lokalità Nru. 67 Żurrieq li jidhru f'dik l-Iskeda, għandhom jidħlu l-lokalitajiet u l-konfini murijin fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att rispettivament;

(b) minnufih wara l-lokalità Nru 67 Żurrieq, għandha tiżdied il-lokalità Nru. 68 Mtarfa kif murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) L-ewwel elezzjonijiet ta' Kunsillieri għall-Kunsill Lokali tal-lokalità l-ġdida ta' Mtarfa għandhom isiru fit-tieni Sibt ta' Marzu, 2000. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandhom japplikaw għal dik l-elezzjoni u għal kull elezzjoni sussegwenti.

Sostituzzjoni tas-Seba' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

37. Minflok is-Seba' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tidħol l-iskeda li hemm fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

38. Minflok l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tidħol l-iskeda li hemm fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Sostituzzjoni ta' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

39. L-Iskedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali murija taħt l-Ewwel Kolonna tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jkollhom seħħ skond l-emendi murija fit-Tieni Kolonna ta' l-imsemmija Skeda. Emendi ta' l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali.

40. Minnufih wara l-Għaxar Skeda li tinsab ma' t-test Malti ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied il-Ħdax-il Skeda murija fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Żieda ta' Skeda ġdida ma' l-Att prinċipali.

41. L-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja għandu jiġi emendat kif ġej:– Emendi konsegwenzjali fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291.

(a) l-artikolu 4 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:–

(i) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jitħassar; u

(ii) minflok is-subartikolu (11) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:–

"(11) Is-seduti għandhom isiru f'dak il-post jew dawk il-postijiet imsemmija mill-Ministru bħala Tribunali Lokali .";

(b) fl-artikolu 6(1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "notifikata mill-Pulizija Eżekuttiva" għandhom jidħlu l-kliem "jew minn Gwardjan Lokali";

(ċ) l-artikolu 10 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:–

(i) fil-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Iżda l-Kummissarju jista', jekk jikkunsidra li d-difiza ta' persuna tkun frivola jew vessatorja," għandhom jidħlu l-kliem "Iżda l-Kummissarju għandu, jekk jikkunsidra li d-difiża ta' persuna tkun frivola jew vessatorja, jew jekk il-persuna tonqos milli tidher quddiemu, u skond l-artikolu 7 ta' dan l-Att dik il-persuna titqies bħala li tkun ammettiet l-akkuża,";

(ii) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ir-Reġistratur tal-Qorti għandu," għandhom jidħlu l-kliem "u f'dawk il-każijiet fejn il-penali oriġinali għall- akkuża tkun dovuta lil Kunsill Lokali skond l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali dak il-Kunsill Lokali għandu,"; u

(iii) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati." għandhom jidħlu l-kliem "L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skond l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skond il-każ."; u

(d) l-artikolu 14 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:–

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "deskrizzjoni ġenerali tar-reat." għandhom jidħlu l-kliem "deskrizzjoni ġenerali tar-reat:"

(ii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-provisos li ġejjin:–

"Iżda jekk tkun ġiet użata vettura bil-mutur biex isir ir-reat, dak l-avviż għandu jitqiegħed mal-*windscreen* ta' dik il-vettura bil-mutur:

Iżda wkoll, meta ma jkunx prattikabbli li jingħata avviż, jew li jitqiegħed mal-*windscreen* kif hawn aktar qabel imsemmi, l-avviż jista' jiġi notifikat lil min jikser il-liġi bl-istess mod bħalma tista' tiġi notifikata taħrika skond l-artikolu 6 ta' dan l-Att.";

(iii) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "għal dak ir-reat." għandhom jidħlu l-kliem "għal dak ir-reat:"; u

(iv) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda fil-każ ta' reati kontra xi wieħed mill-provvedimenti ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, jew ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tagħha, u li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dik l-Ordinanza, il-penali li għandha tiġi applikata għal reat bħal dak għandha tkun il-penali stabbilita għal dak ir-reat taħt l-imsemmija Skeda.".

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 35)

MTARFA

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 36)

Lokalitajiet u l-Konfini Tagħhom

3. BIRGU

Local Council Boundary

The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing

Arterial and Distributor Roads

Areas excluded from the responsibility of Local Council




5. BORMLA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


6. QORMI
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

10. ZEJTUN

Local Council Boundary

The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing

Arterial and Distributor Roads

Areas excluded from the responsibility of Local Council


11. RABAT
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


12. ATTARD
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


13. BALZAN
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


14. BIRKIRKARA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

15. BIRZEBBUGA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


17. FGURA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


18. FLORIANA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


19. FONTANA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


20. GUDJA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


21. GŻIRA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing.
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Councils
21.1 Manoel Island
Source:
Planning Directorate survey maps. 1:2500 scale. August 1988 aerial survey. Ministry of environment file ME/6/93/1

24. GHARGHUR

Local Council Boundary

The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing

Arterial and Distributor Roads

Areas excluded from the responsibility of Local Council


26. GHAXAQ
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


27. HAMRUN
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


28. IKLIN
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


29. KALKARA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


29. KALKARA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

30. KERCEM
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


32. LIJA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


34. MARSA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

36. MARSAXLOKK

Local Council Boundary

The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing

Arterial and Distributor Roads

Areas excluded from the responsibility of Local Council

39. MOSTA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


41. MSIDA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

44. NAXXAR

Local Council Boundary

The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing

Arterial and Distributor Roads

Areas excluded from the responsibility of Local Council


45. PAOLA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


47. PIETA'
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

50. RABAT
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


51. SAFI
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


52. SAN GILJAN
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


53. SAN GWANN
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


57. SANTA LUCIJA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


58. SANTA VENERA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

59. SLIEMA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


60. SWIEQI
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


61. TA' XBIEX
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


62. TARXIEN
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council


67. ZURRIEQ
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 36)

Lokalitajiet u l-Konfini Taghhom
(Lokalità Nru. 68 Mtarfa)


68. MTARFA
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

IR-RABA' SKEDA

(Artikolu 37)

"Is-Seba' Skeda

(Artikolu 4, 25)

Elezzjoni ta' Sindku u Viċi Sindku

Proċedura ta' Votazzjoni

1. Fil-laqgħa li matulha s-Sindku u, jew il-Viċi Sindku għandu jiġi elett, jew għandhom jiġu eletti, il-Kunsillieri għandhom mal-ewwel jibdew bil-proċedura ta' l-elezzjoni skond l-Ordnijiet Permanenti.

2. Il-Kunsillieri għandhom jeleġġu lis-Sindku u lill-Viċi Sindku b'elezzjonijiet mhux sigrieti separati.

3. Kull Kunsillier jista' jinnomina lil kull Kunsillier ieħor bħala Sindku jew Viċi Sindku u fil-każ li jkun hemm żewġ nominazzjonijiet jew iktar għall-istess kariga, il-votazzjoni ssir skond l-ordni alfabetiku tal-kunjomijiet u, jekk ikun hemm żewġ kandidati jew iktar li jkollhom kunjomijiet u ismijiet identiċi, l-ordni ta' preċedenza jiġi stabbilit bix-xorti.

4. Kunsillier jivvota billi jiddikjara b'leħen għoli "Iva", "Le" jew "Nastjeni" għal kull kandidat fl-ordni msemmi. Jekk xi Kunsillier preżenti fil-laqgħa jirrifjuta li jesprimi l-preferenza tiegħu, dan ir-rifjut jitqies bħala astensjoni. Is-Segretarju għandu jirreġistra x'ikun il-vot espress minn kull Kunsillier.

5. L-ewwel kandidat li jikseb maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħin mill-Kunsillieri, jiġi elett. Jekk ma jiġi elett ebda kandidat, il-votazzjoni tibqa' tiġi ripetuta għal ħames darbiet oħra fl-istess seduta.

6. Jekk, għal xi raġuni li tkun, il-Kunsill ma jkunx jista' jagħżel Sindku jew Viċi Sindku wara li jkunu saru sitt votazzjonijiet konsekuttivi matul l-istess seduta, il-laqgħa tiġi aġġornata għall-istess jum, ħin u post għall-ġimgħa ta' wara u l-proċeduri stabbiliti fir-regolamenti 1 sa 5 ta' din l-Iskeda għandhom jiġu ripetuti b'dan li jekk wara sitt votazzjonijiet oħra konsekuttivi l-Kunsill jkun għadu ma jistax jeleġġi lis-Sindku jew Viċi-Sindku, il-Kunsillier li jkun l-iktar anzjan fosthom (jew inkella jekk jirrifjuta, min jiġi l-aktar anzjan warajh u tibqa' nieżel b'dan il-mod) jassumi l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, skond il-każ, għal perjodu ta' tliet xhur.

7. Il-proċeduri ta' votazzjoni preċedenti għandhom jiġu ripetuti wara l-iskadenza ta' dawk it-tliet xhur u, jekk ikun meħtieġ, wara l-iskadenza ta' perjodi sussegwenti ta' tliet xhur, sa dak iż-żmien li s-Sindku jew il-Viċi Sindku jiġi elett skond il-proċeduri stipulati f'din l-Iskeda.

8. Is-Segretarju għandu jara li l-ismijiet tas-Sindku u Viċi Sindku eletti jiġu pubblikati fil-Gazzetta flimkien mad-data ta' l-elezzjoni u fil-każ li s-Sindku jew il-Viċi Sindku ma jkunx ġie elett, l-isem tal-Kunsillier li jkun assuma l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, skond il-każ, u d-data meta jkun daħal fil-kariga.".

IL-ĦAMES SKEDA

(Artikolu 38)

"L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 55)

Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli

Flejjes approprjati għall-Kunsilli Lokali skond l-Artikolu 55 għandhom jiġu allokati lil kull Kunsill kif ġej:

